10 ta' Mejju, 1948.
Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Teresina Grech et. *versus* Nazareno Grech et.**

**Servitù — Akkwedott — Preskrizzjoni — Retratt.**

*Is-servitù ta' akkwedott magħmul mill-bniedem hija servitù volontarja, kontinwa u apparenti.*

*Għall-akkwist ta' dina s-servitù ma hemmx bżonn ta' titolu; u tista' tiġi akkwistata bil-preskrizzjoni.*

*Dina s-servitù tagħti dritt ta' l-irkupru.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettiet illi hija tippossjedi fil-Wardija għalqa msejħa "Ta' Ġnien Kola" sive "Ta' Għonoq", li tmiss mil-lvant mal-beni tal-Konti Teuma Castelletti u mill-majjistral mal-għalqa "Ta' l-Ispiera" mixtrija mill-konvenuti; illi dawna, permezz ta' kuntratt fl-atti Emmanuele P'o Debono tal-25 ta' Awissu 1942, xtraw din l-għalqa "Ta' l-Ispiera" li mil-lvant tmiss mal-għalqa ta' l-attriċi; illi peress li l-għalqa ta' l-attriċi tirċievi l-ilma ġieri permezz ta' mina mħaffra taħt l-għalqa "Ta' l-Ispiera", u għalhekk għandha favur tagħha servitù fuq l-għalqa tal-konvenuti, u peress illi l-attriċi per ċedola ta' l-irkupru preżentata fis-17 ta' Diċembru 1942 irkuprat mill-poter tal-konvenuti l-għalqa "Ta' l-Ispiera" fuq imsemmija, u l-konvenuti, b'ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 1942, irrifjutaw li jagħmlu r-rivendizzjoni mitluba mill-attriċi; talbet illi l-konvenuti jkunu kundannati jagħmlu favur l-attriċi r-rivendizzjoni tal-għalqa fuq imsemmija "Ta' l-Ispiera" fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, fil-kontrada tal-Wardija, tal-kejl ta' ċirka 12-il tomna, tmiss mit-tramuntana u l-punent mat-triq.............., mill-lvant mal-għalqa "Ta' Għonoq" sive "Ta' Ġnien Kola", ta' l-attriċi, dik l-istess illi l-konvenuti xtraw bl-atti tan-Nutar E.P. Debono ta' l-24 ta' Awissu 1942, u l-attriċi rkuprat b'ċedola tas-17 ta' Diċembru 1942, fi żmien perentorju; u in difett ir-rivendizzjoni ssir in forza ta' l-istess sentenza. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tat-8 ta' Jannar 1946, fejn ġie deċiż a tenur tat-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż, u tat lill-konvenuti xahar żmien għar-rivendizzjoni; wara li kkunsidrat;

Illi l-għalqa ta' l-attriċi, konfinanti ma' dik tal-konvenuti, li għaliha sar l-irkupru, ma tirċevix ilma minn dan il-fond naturalment, imma minn mini li saru bix-xogħol tan-nies, u li biex l-ilma jinxi ġiet imħaffra trinka f'qiegħ xi mini, liema xogħol sar iżjed minn 40 sena ilu, u preżumibilment meta ż-żewġ fondi kienu għand wieħed; illi l-ilma jista' jgħaddi mingħajr bżonn ta' l-intervent tan-nies, għax l-ispiera fil-fond ta' l-attriċi u dik fil-fond tal-konvenuti huma kommunikati flimkien b'mina twila ċirka 60 pied, u li għalhekk ix-xogħol tagħha kien bilfors magħdum miż-żewġt itruf; illi għalhekk hemm servitù volontarja ta' l-akkwedott, kontinwa u apparenti, li ma għandhiex bżonn ta' titolu għax tista' tiġi akkwistata per mezz tal-preskrizzjoni, li ilha li għalqet; u hija servitù li tagħti lok għar-retratt skond l-art. 1176 ta' l-Ordinanza VII tal-1868;

Illi apparti r-rilievi li għamel il-perit, fis-sens illi l-għalqa hija waħda, anki jekk il-fond huwa realment l-unjoni ta' żewġ għelieqi, meta parti ġiet inkorporata mal-parti l-oħra spiċċat id-destinazzjoni bejn parti waħda u l-oħra, għax it-tnejn saru fond wieħed uniku, u dik il-parti saret parti mill-fond serventi u l-fond intier ġie affettwat mis-servitù; għaliex din minħabba l-karattru indiviżibili tagħha taffetta kull parti mill-fond serventi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi minn din il-Qorti revokata billi jiġu respinti t-talbiet taċ-ċitazzjoni, bl-spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi per mezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru 1947, in re "Avvocato Dottor Edoardo Vas-

sallo ne. vs. Nazareno Grech et.''. gew likwidati l-ispejjeż inkorsi mir-retrattarji fl-okkażjoni tax-xiri tal-fond in kwistjoni, u fuq hekk l-appellanti ma gіebu ebda eċċezzjoni ulterjuri;

Tikkunsidra.

Illi l-appellanti ssottomettew illi Teresina Levy Grech, il-lum mejta, ma ppruvatx it-titolu tagħha tal-proprjetà fuq il-fond tagħha. Iżda mid-dokumenti miġjuba fol. 138 u 139, li huma kopji tat-testmenti relativi jirriżulta..............;

Tikkunsidra;

Illi fuq id-dritt ta' l-attriċi jirriżulta, sew mill-perizja...... illi favur il-fond ta' l-attriċi u di fronti għall-fond tal-konvenuti hemm servitù ta' akwedott, li ġie magħmul per mezz tax-xogħol tan-nies; u għalhekk dik is-servitù, kif tajjeb irritenien l-Ewwel Qorti, hija servitù volontarja, kontinwa u permanenti, peress illi hemm fiha ''opere visibili'' u ''permanenti'', peress illi hemm mina illi, *kif inhu naturali, kull tant għandha* titnaddaf; u għalhekk dawk l-opri, għalkemm qegħdin taħt l-għalqa, iżda minħabba t-tnaddif tagħhom, li huwa neċessarju, huma viżibili u permanenti. Għalkemm ma hemmx il-prova speċifika min għamel dak ix-xogħol, iżda huwa evidenti li dan sar minn għand min kellu interess fil-fond dominanti, ċjoè l-fond ta' l-attriċi; għaliex, kif tajjeb irritjena l-perit ix-xogħol u l-mini huma ta' konformazzjoni tali li juru għall-evidenza illi dan sar biex l-ilma jimxi u jmur favur il-fond ta' l-attriċi;

Tikkunsidra;

Illi rriżulta wkoll illi dana sar iżjed minn 30 sena ilu, u għalhekk ġiet akkwistata dik is-servitù per mezz tal-preskrizzjoni, li għaliha, minħabba n-natura ta' dik is-servitù, ma hemmx bżonn ta' titolu;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti jopponu illi l-post tagħhom jikkonsisti f'żewġ għelieqi; jippretendu huma illi waħda hija suġġetta għaċ-ċens li jagħlaq u l-oħra hija libera. Iżda hemm dubju serju jekk il-fond tal-konvenuti għandux parti minnu l-fond enfitewtiku. Infatti, kif tajjeb irrileva l-appellat, illi l-kon-

fini tal-fond konċess għaċ-ċens ma jaqblux fil-parti l-aktar importanti, ċjoè t-triq, ma' dawk tal-fond tal-konvenut, skond il-kuntratt tax-xiri, u ta' l-awturi tagħhom. Fil-kuntratt taċ-ċens it-triq tinsab f'nofs in-nhar u fil-kuntratt tal-24 ta' Awissu 1942, tinsab fit-tramuntana u fil-punent; issa diskrepanza bħal din hija inspjegabili, u ma ġietx spjegata kieku l-postijiet huma l-istess. Imbagħad hemm anki r-raġunijiet li ġieb il-perit ġudizzjali fir-relazzjoni tiegħu tas-6 ta' Ġunju 1946;

Tikkunsidra;

Illi però, apparti dawk il-konsiderazzjonijiet, hemm fatt ieħor li huwa t-teżi ta' l-appellanti, li huwa illi ċ-ċens jagħlaq jew għalaq fil-15 ta' Awissu 1945, mentri dan l-irkupru sar fis-17 ta' Diċembru 1942, u għalhekk meta ġie eżerċitat dak ir-retratt huwa ċert illi dak il-fond kien għadu possedut mill-awtur tal-konvenuti, li kellhom l-obligu in forza ta' dak id-dritt hekk eżerċitat li jagħmlu r-rivendizzjoni favur l-attriċi, għaliex il-pożizzjoni ta' l-affarijiet għandha tiġi determinata skond l-epoka meta sar ir-retratt. Imbagħad jekk id-direttarju jidhirlu li dak il-post jikkomprendi anki l-fond enfitewtikat in forza tal-kuntratt taċ-ċens, id-drittijiet tiegħu di fronti għall-appellat ikunu impreġudikati, peress illi huwa terz f'dina l-kawża;

Tikkunsidra;

Illi mbagħad, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, salvi dejjem id-drittijiet tad-direttarju, dan il-fond huwa mibjugħ bħala fond uniku, tal-kejl ta' ċirka 12-il tomna; għalhekk minn żmien kif jidher mid-diversi kuntratti dak il-post ġie kunsidrat bħala ħaġa unika, u għalhekk għandu jiġi kunsidrat li huwa kollu serventi, u mhux parti minnu fejn hemm l-ispiera, peress illi s-servitù hija indiviżibili. Veru huwa illi fil-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar F. Schembri Żarb tat-23 ta' Marzu 1921, in riferenza għall-għelieqi "Ta' l-Ispiera" sive "Tal-Kerep", qalu li huma jikkonsistu "in due appezzamenti", iżda dan mhux ywoldiri illi ma kkunsidrawx l-għalqa bħala waħda meta stabbilew il-kejl uniku superfiċjali tat-12-il tomna. Veru wkoll illi f'dak il-kuntratt jingħad illi "queste terre 'Ta' l-Ispiera' sive 'Tal-Kerep' furono concesse in enfiteu-

si per anni 99 dal Conte Sir Nicola Sceberras Bologna a Luigi Vella per atto di Notaro Francesco Saverio Camilleri del 21 dicembre 1872 per l'anno canone di £2. 5. 10"; iżda fil-kuntratt tas-26 ta' Lulju 1924, fl-attijiet tan-Nutar Salvatore Borg Olivier, meta Antonio Cassar Torreggiani, li kien xtara dik l-għalqa bl-ewwel kuntratt, biegħha lir-Reverendu Konti Don Francesco Saverio Teuma Castelletti, kien iddikjara illi dik l-għalqa hija franka u libera, "perchè il comparente Signor Cassar Torreggiani ha acquistato l'utile dominio delle stesse per il rimanente tempo della enfiteusi cui le stesse terre erano già soggette per atti del Notaro Francesco Schembri Zarb del 6 settembre 1921 dal potere di Luigi Vella";

Għalhekk ma deherx illi hemm bżonn isir l-aċċess ordnat bid-digriet ta' l-1 ta' Marzu 1948, li huwa revokat;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuti, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, b'dan illi ż-żmien għar-rivendizzjoni mogħti fl-ewwel sentenza jibda jgħaddi millum; l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti appellanti, barra mid-dritt tar-reġistru għal dan l-appell, li jitħallas nofs minn kull parti.